MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

SEDUTA TAT-12 TA' FRAR, 2013

RIKORS NUMRU. 645/2012

**A B:**
**VS**
**A C SIVE DORIS A G:**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu wara li ppremetta:

1. Premess illi fil-mument li qed jigi ntavolat dan ir-Rikors ghal hall taz-zwieg tieghu li sehh iktar minn sitta u tletin sena ilu fil-Parrocca ta’ San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta, permezz tad-Divorzju, l-esponenti effettivament ilu ma jirrisjedi ma’ l-Intimat / Konvenuta C A bejn wiehed w iehor sa mill-1984 jigifieri madwar tmienja w ghoxrin sena u li jfisser illi bhala hajja mizzewga l-esponenti ghex u kkoabita mal-mara tieghu l-Intimata / Konvenuta odjerna ghal madwar seba’ snin. Premess illi f’ dawn is-seba’ snin il-konjugi **A** kellhom zewgt itfal u cioe’ M li llum hija mizzewga **P** u ghandha tifel wiehed kif ukoll it-tieni wild li

kien tifel u li jismu **D** li wkoll illum huwa mizzewweg u ghandu zewgt itfal, u dawn iz-zewgt itfal li kellhom il-konjugi **A** kontendenti f' dawn il-proceduri odjerni illum huma t-tnejn maggorenni kif ovvjament jista' jigi konkjuz.

2. Premess illi l-kontendenti konjugi A kienu inghaqdu fiz-zwieg nhar il-5 ta' Settembru, ta' l-1976 fil-Parrocca ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta u dana skond ic-Certifikat mir-Registru Pubbliku hawn mehmuz li jgib in-Numru ta' l-Iskrizzjoni 1887 tas-6 ta' Settembru, 1976: vide Dokument CT 1.

3. Premess illi ssir referenza f' dan l-istadju ghal sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Appell Civili Numru 99/94) ippresedut dak iz-zmien mill-President tal-Qorti ta' l-Appell is-Sinjorija tieghu Joseph Said Pullicino, u miz-zewg Imhallfin l-Onorevoli B A. Agius u l-Onorevoli Joseph D Camilleri li ebda wiehed minn dawn it-tliet Imhallfin illum m' ghadu jahdem fil-Qrati tal-Gustizzja tar-Repubblika ta' Malta. Illi din is-Sentenza kienet inghatat fl-udjenza ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Dicembru, 1997, jigifieri hmistax-il sena ilu meta kienet il-kawza Numru 3 fuq il-lista fl-ismijiet "**Doris A -vs- Bo A".**

4. Premess illi din il-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-Sentenza taghha ghamlet referenza ghal Sentenza datata 25 ta' Mejju, 1993, jigifieri erba' snin u seba' xhur qabel, din id-darba fl-ismijiet **"Doris A et nomine -vs- Bo sive Charles A"** Citazzjoni Numru 1227/84, liema Sentenza dak iz-zmien kienet pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell u l-Qorti a' l-Appell fis-Sentenza ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Dicembru ta' l-1997 irreferiet ghal Prim Awla tal-Qorti Civili f' Kawza li giet ipprezentata nhar is-26 ta' Jannar, ta' l-1994 wara li Doris A ppremettiet li hija kienet tinsab isseparata minn zewgha u dana in forza tas-Sentenza tal-25 ta' Mejju, ta' l-1993 li ghadha kif giet indikata lil din il-wisq Onorabbli Qorti.

5. Illi l-objettiv kollu ghala dan qed jigi mfisser lil din il-wisq Onorabbli Qorti Civili: Sezzjoni Familja huwa li apparti mill-fatt li l-konjugi **A** huma koppja legalment mifruda minn Sentenza ta' Qorti, ilhom effettivament is-snin hekk mifruda u dan anke kif jigi mfisser f' Affidavit hawn mehmuz ma' dan ir-Rikors ghal talba ghal hall taz-zwieg bejn il-kontendenti **A** gia fuq indikat.

6. Premess illi hawnhekk issir referenza ghall-Artiklu 66B tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u fejn lill-Qorti qed jinghatalha taghrif illi s-sub inciz (a) ta’ l-Artiklu 66B huwa bl-iktar mod kategoriku konfermat billi jirrizulta car li l-konjugi A ilhom ferm u ferm iktar minn erba’ snin illi huma nfirdu minn xulxin u snin minn mindu ilhom effettivament ma jkunu ntimi flimkien bhala mizzewgin.

7. Premess illi f’ dan il-perjodu r-Rikorrenti B A jikkonferma li ghal snin shah ma kien hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejnu u bejn il-mara tieghu u li ma hemm ebda tfal li ghadhom minuri taht it-tmintax-il sena jew li ghadhom qed ikomplu xi forma ta’ studju u hawn issir referenza ghaz-zewgt itfal illi l-konjugi A kellhom mir-relazzjonijiet intimi ma’ xulxin u li dwarhom gia saret referenza.

8. Premess illi fir-rigward tal-manteniment sejra ssir referenza ghal Sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell moghtija snin ilu fejn allura ma hemm ebda obbligu min-naha ghall-ohra u vice versa dwar xi dritt ta’ manteniment.

9. Premess illi ghalhekk jirrizulta illi l-vot tal-Ligi nkwadrat fl-Artiklu 66B tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa bl-iktar mod kategoriku u sodisfacentament konfermat favur il-konjugi **A**.

10. Premess illi terga’ ssir referenza ghall-Qorti ta’ l-Appell, is-Sentenza ta’ l-Appell Civili 99/94 moghtija fis-seduta ta’ nhar it-Tnejn, 15 ta’ Dicembru, 1997 kawza numru 3, fejn proprju ssir referenza ghall-kwistjoni tal-manteniment dovut lil Doris A. Premess illi f’ dan l-istadju ssir referenza ghan-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tar-Rikorrenti **B A** mit-tieni pagna tas-Sentenza sat-tielet pagna tas-Sentenza li kopja legali taghha hija hawn mehmuza: vide Dokument CT 2.

11. Premess illi kif jirrizulta minn pagna 3 tas-Sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti tal-Appell, il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta’ Lulju, ta’ l-1995 kienet cahdet l-eccezzjonijiet sollevati mir-Rikorrenti odjern B A, laqghet it-talba Attrici u kkundannat lil **B A** ihallas lill-Attrici fid-dar tar-residenza taghha s-somma ta’ tmenin lira (Lm80) fix-xahar.

12. Premess illi l-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell f’ pagna 6 tas-Sentenza taghha li kopja taghha hawn qeghda tigi mehmuza w indikata bhala Dokument CT2 rat il-petizzjoni ta’ l-Appell ta’ **B A** fejn gie mfisser ghala s-Sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili kif kien maghruf il-Qorti tal-

Familja dak iz-zmien ossia fl-4 ta’ Lulju ta’ l-1995, u fejn ir-Rikorrenti odjern issottometta d-diversi Aggravji tieghu. Il-wisq Onorabbli Qorti rat ukoll ir-Risposta tal-Qorti ta’ l-Appellata Doris A li riedet li s-Sentenza ta’ l-4 ta’ Lulju, ta’ l-1995, naturalment tigi kkonfermata.

13. Premess illi huwa ta’ nteress anke ghal gurisprudenza li tohrog mill-Qrati tal-Gustizzja Maltin li ssir referenza ghal pagna 7 ta’ l-Appell Civili 99/94 relatata mas-Sentenza fejn il-Qorti ta’ l-Appell indikat illi Doris A kienet qeghda tfittex lil zewgha ghal manteniment taghha wara iktar minn ghaxar snin li kienu ilhom separati “*de facto”*, f’ liema perjodu kienet pendenti bejniethom il-kawza ta’ separazzjoni personali (kif ukoll talbiet ancillari) istitwita mill-Attrici ezattament fit-2 ta’ Ottubru, 1984: vide pagna 7 tad-Dokument CT2 ossia s-Sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell.

14. Premess illi l-kawza li kienet intavolat l-Intimata Doris A nhar it-2 ta’ Ottubru, ta’ l-1984 kienet giet deciza mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta’ Mejju, ta’ l-1993 u l-konvenut kien intavola Appell minnha quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell waqt li l-Attrici appellat incidentalment. Billi kienet haga evidenti li kien hemm certa konnessjoni bejn dik il-kawza (li n-numru referenzjali taghha kien 1227/84) u l-kawza odjerna ossia c-Citazzjoni Numru 99/94 - FD, kien hemm l-intenzjoni (kif jirrizulta mill-Verbal tal-21 ta’ Mejju, 1997) li z-zewg Appelli jigu decizi minn din il-Qorti fl-istess seduta.

15. Premess illi effettivament il-kawza Citazzjoni Numru 1227/84 giet deciza nhar it-Tnejn, mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar il-25 ta’ Mejju, 1993 fejn giet ippronunzjata definittivament is-separazzjoni personali bejn il-konjugi A lil llum huma kontendenti f’ din it-talba ghal hall taz-zwieg taghhom skond kif imfisser fil-korp ta’ dan ir-Rikors li qed jigi kkonfermat bil-gurament odjernament. Illi li jrid jigi mfisser hu illi l-Intimata / Konvenuta Doris A kienet pretendiet li r-responsabbilita’ unika ghall-Firda Legali u t-tifrik taz-zwieg kellhom jigu attribwiti biss lir-Rikorrenti odjern zewgha B A imma l-Qorti ta’ l-Appell u l-Prim Awla tal-Qorti Civili kkonfermaw li sia r-Rikorrenti odjern kif ukoll il-Konvenuta / Intimata Doris A kkontribwew b’ *mod indaqs* ghat-tkissir taz-zwieg taghhom. Illi minhabba f’ hekk il-Qorti ta’ l-Appell ikkonkludiet illi dan il-fatt kellu jittiehed in konsiderazzjoni fis-sens illi Doris A kienet qeghda titlob

manteniment minghand zewgha B A u ghalhekk dina l-kwistjoni kellha tigi rizolta a bazi tal-fatt li kienu t-tnejn li huma li kkontribwew ghat-tifrik tal-hajja konjugali bejniethom u dana kellu jigi rifless fuq ir-rispettivi obbligi u drittijiet ghal manteniment li jemanew milli jigi civili kif emendata dak iz-zmien bl-**Att Numru XXI** ta' l-1993 li dahal fis-sehh f' Ottubru ta' dik l-istess sena.

16. Premess illi b' referenza ghas-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, Appell Civili Numru 99/94 - FD fl-ismijiet "**Doris A -vs- Bo A"** fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Dicembru, ta' l-1997 Kawza Numru 3 fuq il-Lista, u li kopja taghha qeghda tigi mehmuza ma' dan ir-Rikors ghall-otteniment tad-Divorzju u biex jigi xolt u mahlul iz-zwieg bejn il-kontendenti hawn premessi, qed issir referenza ghal paragrafu 7 f' pagna 11 tas-Sentenza li hawn qeghda tigi citata fejn kien hemm imnizzel car li "*il-mara mizzewga llum, terfa' l-istess piz u responsabbilita' bhal zewgha ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-familja, inkluz l-obbligu tal-konjugi li jmantnu lil xulxin. Konsegwentement, huwa doveruz fuq il-Qorti li tgharbel il-fatti tal-kaz odjern fid-dawl ta' dawn il-principji godda. U l-Qorti trid "tinsa" il-posizzjoni pjuttost vantaggjuza li l-mara mizzewga kienet tgawdi qabel, fil-konfront ta' zewgha, taht ir-regime antik fil-kwistjoni tal-manteniment."*

17. Illi f' dan l-istadju ssir referenza wkoll ghal paragrafu 11 f' pagna 14 tas-Sentenza Appell Civili 99/94 deciza f' jum it-Tnejn, 15 ta' Dicembru, ta' l-1997 hawn mehmuza fejn fil-paragrafu 11 jinghad: *"fuq il-bazi ta' dawn il-fatti u fid-dawl tal-pronunzjament minn dina l-Qorti fis-Sentenza moghtija llum stess fil-kawza l-ohra, fejn l-Appellata nstabet li anke hija kkontribwit, bhal zewgha, ghat-tfarrik irrimedjabbli taz-zwieg, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Appellata ghandha d-dover li tassumi u terfa' r-responsabbilita hija stess ghal manteniment personali taghha. M' hemm l-ebda dubju li, skond il-Ligi vigenti, l-Appellata ghandha dover li tahdem, dejjem skond il-mezzi, il-hila u l-possibilitajiet ghaliha. Ghalhekk, il-Qorti thoss li fic-cirkustanzi attwali tal-kaz u "rebus sic stantibus", l-Appellata ma tistax issostni d-dritt pretiz minnha li ddur fuq zewgha l-Appellat ghal manteniment personali taghha."*

18. Illi mela permezz ta’ din is-Sentenza illi qeghda tigi mehmuza fl-Elenku ta’ Dokumenti bhala Dokument CT 2 ossia l-Appell Civili 99/94, jirrizulta manifestament li min-nhar ta’ Tnejn, 15 ta’ Dicembru, ta’ l-1997, l-Intimata **Doris A** kienet mara legalment mifruda u mara mizzewga li ma kienitx intitolata ghal ebda forma ta’ manteniment minn zewgha. Illi b’ hekk qeghdin jigu sodisfatti zewg ingredjenti essenzjalissimi skond il-Ligi biex tottjeni d-Divorzju fir-Repubblika ta’ Malta u cioe’ li koppja legalment mifruda trid tkun ilha f’ dan l-istat ghal mill-inqas erba’ snin u hawnhekk ghandna perjodu ta’ hmistax-il sena u li jew tkun intitolata li tircievi manteniment u zewgha jkun qed ihallasha manteniment (li mhuwiex il-kaz f’ din it-talba ghad-Divorzju odjerna) billi l-istess Qorti kkonfermat fis-Sentenza li ghadha kif saret referenza ghaliha li l-Konvenuta Doris A m’ hija ntitolata ghall-ebda forma ta’ manteniment minn zewgha ghal ragunijiet moghtija fl-istess Sentenza.

**<u>Appell Civili 1227/84 deciz nhar it-Tnejn 15 ta’ Dicembru, 1997</u>**

19. Illi f’ dana l-istadju ssir referenza ghal Sentenza ohra tal-Qorti ta’ l-Appell, Appell Civili 1227/84 presedut mis-Sinjorija tieghu Joseph Said Pullicino bhala President u mi-Sinjuri Mhallfin Onorevoli B A Agius w Onorevoli Joseph D. Camilleri li taw Sentenza nhar it-Tnejn, 15 ta’ Dicembru, ta’ l-1997, it-tieni wahda fl-istess ismijiet imma b’ mertu differenti w ossia trid issir referenza ghal Kawza Numru 4 fuq il-lista meta nghatat is-Sentenza fic-Citazzjoni Numru 1227/84 - FD u cioe’: “***Doris A kif awtorizzata tistitwixxi din il-Kawza b’ Digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civilitat-12 ta’ Settembru, ta’ l-1984, kif ukoll bhala kuratrici ad litem nominata b’ digriet tal-21 ta’ Ottubru ta’ l-1984 ta’ uliedha minorenni M u D A -vs- Bo sive Charles A”.***

20. Premess illi fil-25 ta’ Mejju ta’ l-1993, l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili ppronunzjat Sentenza bejn il-kontendenti konjugi A hawn indikati, li l-punti l-aktar saljenti taghha sejrin jigu ripurtati: u hawnhekk issir referenza ghal pagna 2 tas-Sentenza citata Appell Civili 1227/84, fejn importanti hafna li jigi enfasizzat li s-separazzjoni personali bejn B A u Doris A giet ikkonfermata dak iz-zmien b’ tort ta’ B A li mbaghad il-

Qorti ta’ l-Appell qalbitha u qalet li kienu z-zewg partijiet li kkontribwew ghat-tifrik taz-zwieg ta’ bejniethom; Doris A giet awtorizzata tghix separata minn zewgha u filfatt ilha ma tghix ma’ zewgha ghal dawn l-ahhar tmienja w ghoxrin sena, kwistjoni ta’ tfal m’ hemmx ghax dawn issa t-tnejn saru maggorenni imma jigi osservat li ma kienet saret ebda talba ghal manteniment f’ din il-kawza ghal Firda Legali deciza fil-25 ta’ Mejju, ta’ l-1993.

21. Premess illi f’ dan l-istadju ssir referenza ghal pagna 2 sa 5 tas-Sentenza tal-Appell Civili 1227/84 deciza f’ jum it-Tnejn, 15 ta’ Dicembru, ta’ l-1997 u li kopja taghha qeghda hawn tigi mehmuza w indikata bhala Dokument CT 3.

22. Premess illi b’ referenza ghal dan id-dokument indikat fir-Raba Taqsima ta’ din il-kawza bhala Dokument CT3, ossia din is-Sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell, Appell Civili 1227/84 deciza nhar it-Tnejn, 15 ta’ Dicembru, ta’ l-1997, kif ukoll mas-Sentenza l-ohra hawn indikata jirrizulta car li din il-Qorti ghandha l-inkwadratura kompleta li m’ ghandha thalli ebda dubju li l-vot tal-Ligi nkwadrat f’ Artiklu 66B gie sodisfatt u ghalhekk m’ hemm ebda raguni gustifikabbli la fil-Ligi u lanqas bhala fatt ghala din it-talba tad-Divorzju m’ ghandhiex tintlaqa’ a bazi ta’ Artiklu 66A sub artiklu 1, tas-sub-titolu IV, tal-Kapitlu 16, Kodici Civili, tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

i. Ir-Rikorrenti **B A** a bazi ta’ Artikolu 66A sub-artiklu 1 ghandu jinghata d-Divorzju jew il-hall taz-Zwieg tieghu ma’ l-Intimata / Konvenuta Dolores A sive Doris A sive Doris A G, liema zwieg sehh fil-Parrocca ta’ San Pawl Nawfragu gewwa l-Belt Valletta nhar il-5 ta’ Settembru, ta’ l-1976 u ghandu n-Numru ta’ l-Iskrizzjoni 1887 imdahhal nhar is-6 ta’ Settembru 1976, fir-Registru Pubbliku tal-Belt Valletta, Malta u dan a bazi wkoll tac-Certifikat mehmuz fir-raba’ taqsima ta’ din il-kawza u ndikat bhala Dokument CT1;

ii. Prevja l-affermazzjoni li l-kontendenti konjugi huma legalment mifrudin a bazi tas-Sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell skont kif indikata fid-dokument hawn mehmuz CT2 li huwa wiehed miz-zewg Sentenzi konnessi moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fis-seduta ta’ nhar it-Tnejn, 15 ta’

Dicembru, ta’ l-1997, Appell Civili 99/94 fejn l-Intimata / Konvenuta giet ordnata li tassumi u terfa’ r-responsabbilita’ hija stess ghall-manteniment personali taghha, u ghaldaqstant ma’ hemm ebda obbligu ta’ xi manteniment pendenti mir-Rikorrenti B A fil-konfront tal-mara tieghu l-Intimata / Konvenuta Doris A u dana kif anke muri car partikolarment f’ paragrafu 11, pagna 14 tas-Sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell mehmuza fl-elenku ta’ dokumenti u ndikata bhala dokument CT2;

iii. Id-Divorzju jew hall taz-zwieg ghandu jinghata a bazi ta’ Artikolu 66A sub-artiklu 2 u sub-artiklu 4 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

iv. A bazi tas-sub-artiklu 4 ta’ l-Artiklu 66A tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti ghandha tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien mholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta;

v. Il-bazi ghall-konferma tal-Firda Legali bejn il-kontendenti konjugi A hija s-Sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell, Appell Civili 1227/84, li nghatat nhar it-Tnejn, 15 ta’ Dicembru, 1997, hmistax -il sena ilu, fejn il-Qorti ta’ l-Appell ikkonfermat il-Firda Legali ta’ bejn il-kontendenti konjugi A ghar-ragunijiet mitqala u indikati f’ dik is-Sentenza tal-wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-Qrati tal-gustizzja, tar-Repubblika ta’ Malta;

vi. L-implikazzjonijiet sa fejn relevanti ta’ l-Artikolu 66B fl-intier tieghu kollu tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta gew pjenament sodisfatti fir-rigward tal-kontendenti partijiet **A** b’ mod illi m’ hemm xejn li jostakola il-hall taz-zwieg ta’ bejniethom skond kif indikat bil-pronunzjament tad-Divorzju bejniethom relatat maz-zwieg taghhom skond kif imsemmi;

vii. Fic-cirkustanzi ghandu jkun applikat l-Artiklu 66C tal-Kodici Civili, Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

viii. Ghandhom jinghataw dawk il-provvedimenti kollha opportuni li din il-Qorti jidhrilha xieraq u gust li taghti u tordna a bazi tat-talba ghal hall taz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti fl-inkwadratura ta’ dak li tipprovdi l-Ligi f’ din il-materja konsiderando dan il-kaz partikolari fejn il-kontendenti partijiet ilhom gia mifrudin legalment

ufficjalment ghal hmistax-il sena w ilhom effettivament separati *de facto* ghal mill-inqas tmienja w ghoxrin sena;

ix. Fic-cirkustanzi l-ispejjez kollha relatati ma' din il-procedura jekk ikun il-kaz ghandhom jew jibqghu bla taxxa jekk l-Intimata ma tohloqx ostakoli biex itawwal inutilment din il-procedura meta ma hemm ebda gustifikazzjoni la fattwali u lanqas legali biex din il-procedura ma ssirx bl-iktar mod espediet jew inkella l-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet kontendenti dejjem f' dina l-inkwadratura: altrimenti ir-Rikorrenti jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti dwar il-kap ta' l-ispejjez.

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Jannar, 2013;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma pprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta' Dicembru, 1997 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi iz-zewgt itfal illi twieldu minn dan iz-zwieg illum il-gurnata huma maggorenni u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut mir-rikorrenti a favur tal-intimata;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-

divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------